

Brussell, 9 ta' April 2021  
(OR. en)

7664/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0080(NLE)**

---

**AVIATION 67**  
**RELEX 278**  
**OC 5**  
**TU 2**  
**MED 7**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' April 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 154 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 154 final.

Mehmuż: COM(2021) 154 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 8.4.2021  
COM(2021) 154 final

2021/0080 (NLE)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-  
Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tat-Tuneżija kien innegozjat mill-Kummissjoni skont l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill fid-9 ta' Diċembru 2008.

Is-servizzi tal-ajru bejn l-UE u t-Tuneżija fil-preżent joperaw fuq il-bażi ta' ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri individwali u t-Tuneżija.

Hija parti mill-politika esterna tal-UE dwar l-avjazzjoni li tinnegozja ftehimiet komprensivi dwar is-servizzi tal-ajru mal-pajjiżi ġirien, f'każijiet fejn ikunu ntwerew il-valur miżjud u l-benefiċċji ekonomiċi tat-tali ftehimiet. B'mod partikolari, il-Ftehim għandu l-għan li:

- jiftaħ is-suq b'mod gradwali f'termini tal-aċċess għar-rotot u tal-kapaċità, fuq bażi reċiproka;
- jiżgura l-konverġenza regolatorja u l-konformità effettiva min-naħa tat-Tuneżija mal-leġislazzjoni tal-UE relatata mal-avjazzjoni; u
- johlq kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi li jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni.

- **Kuntest ġenerali**

Id-direttivi tan-negozjar stabbilixxew l-oġettiv ġenerali li jiġi nnegozjat ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru bl-għan li jinfetaħ, b'mod gradwali u reċiproku, l-aċċess għas-suq u li jiġu żgurati l-konverġenza regolatorja u l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards u r-rekwiżiti tal-UE.

Skont id-direttivi tan-negozjar, ġie inizjalat abbozz tal-Ftehim mat-Tuneżija miż-żewġ naħat fil-11 ta' Diċembru 2017.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-konklużjoni ta' Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni mat-Tuneżija hija element importanti fl-iżvilupp tal-politika esterna tal-UE dwar l-avjazzjoni u komponent kruċjali tal-politika tal-UE tal-viċinat u fil-ħolqien ta' Spazju Komuni Ewropew tal-Avjazzjoni usa', kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-relazzjonijiet esterni fil-qasam tal-avjazzjoni COM (2005) 79 u fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2012) 556 final dwar "Il-Politika Esterna tal-UE dwar l-Avjazzjoni - Nindirizzaw l-Isfidi tal-Futur".

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom jiddominaw fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet bilaterali eżistenti tas-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tat-

Tuneżija. Madankollu, id-drittijiet tat-traffiku eżistenti li joriġinaw minn dawn il-ftehimiet bilaterali u li mhumiex koperti minn dan il-Ftehim jistgħu jkomplu jiġu eżerċitati, bil-kundizzjoni li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

### **• Bażi ġuridika**

L-Artikoli 100(2) u 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

### **• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim se jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet relevanti tal-arranġamenti eżistenti magħmulin minn Stati Membri individwali. Il-Ftehim jistabbilixxi, b'mod simultanju, għat-trasportaturi tal-ajru kollha tal-Unjoni, kundizzjonijiet ugwali u uniformi għall-aċċess għas-suq, u jistabbilixxi arranġamenti ġodda għall-kooperazzjoni u l-konverġenza regolatorja bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija fl-oqsma li huma essenzjali għat-tħaddim sikur, bla periklu u effiċjenti tas-servizzi tal-ajru. Dawn l-arranġamenti jistgħu jinkisbu biss fil-livell tal-Unjoni għaliex jinvolvu għadd ta' oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

L-objettivi tal-proposta se jintlaħqu aħjar permezz tal-azzjoni tal-Unjoni għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-Ftehim jippermetti l-estensjoni simultanja tat-termini tiegħu għas-27 Stat Membru, billi japplika l-istess regoli mingħajr diskriminazzjoni u jkun ta' benefiċċju għat-trasportaturi tal-ajru kollha tal-UE, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom. Dawn it-trasportaturi se jkunu jistgħu joperaw b'mod liberu minn kwalunkwe punt fl-Unjoni Ewropea lejn kwalunkwe punt fit-Tuneżija, li bħalissa mhumiex il-każ.

It-tneħħija bil-mod il-mod tar-restrizzjonijiet għall-aċċess għas-suq bejn l-UE u t-Tuneżija mhux biss se tattira parteċipanti ġodda fis-suq u toħloq opportunitajiet biex isiru operazzjonijiet lejn ajruporti li mhumiex moqdiya biżżejjed, imma se tiffaċilita wkoll il-konsolidament bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-UE.

Il-Ftehim jiżgura l-aċċess lit-trasportaturi tal-ajru kollha tal-UE għall-opportunitajiet kummerċjali, bħal pereżempju dawk relatati mal-groundhandling, il-kondiviżjoni tal-kodiċi, l-intermodalità u l-possibbiltà li jistabbilixxu l-prezzijiet liberament.

### **• Proporzjonalità**

Se jiġi stabbilit Kumitat Konġunt biex jiddiskuti kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt se jinkoraġġixxi l-iskambji fil-livell tal-esperti dwar inizjattivi jew żviluppi leġislattivi jew regolatorji ġodda u se jqis l-oqsma potenzjali għal iktar żvilupp tal-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt se jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkomplu jwettqu l-kompiti amministrattivi tradizzjonali tagħhom li huma jwettqu fl-ambitu tat-trasport internazzjonali bl-ajru, iżda skont regoli komuni applikati b' mod uniformi.

- **Għażla tal-istrument**

Ir-relazzjonijiet esterni fil-qasam tal-avjazzjoni jista' jkollhom effett biss permezz ta' ftehimiet internazzjonali.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

F'konformità mal-Artikolu 218(4) tat-TFUE, il-Kummissjoni wettqet in-negozjati b'konsultazzjoni ma' kumitat speċjali (Forum Konsultattiv). Waqt in-negozjati saru wkoll konsultazzjonijiet mal-industrija.

Tqiesu l-kummenti li saru f'dan il-proċess. L-Istati Membri kkonċernati vverifikaw il-preċiżjoni tar-referenzi għall-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru. L-industrija enfasizzat l-importanza ta' bażi ġuridika soda għall-operazzjonijiet kummerċjali tagħha.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

### **4. IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT**

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-bagıt tal-Unjoni.

## **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Sommarju tal-ftehim propost**

Il-Ftehim jikkonsisti mill-korp ewlieni li jinkludi l-prinċipji fundamentali u minn tliet annessi: L-Anness I dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji, l-Anness Ia dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji relatati mal-Ajruport Internazzjonali Tunis-Carthage u l-Anness II dwar ir-regoli tal-UE applikabbli għall-avjazzjoni ċivili.

Mill-1 ta' Jannar 2021, id-dritt tal-Unjoni ma għadux japplika għar-Renju Unit. Għalhekk, bi qbil mat-Tuneżija, ir-referenzi kollha għar-Renju Unit fit-test inizjalat tneħħew u ġiet inkluża klawżola territorjali standard.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-  
Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-9 ta' Diċembru 2008, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati mar-Repubblika tat-Tuneżija dwar Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjaljar tal-Ftehim fil-11 ta' Diċembru 2017;
- (2) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard;

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument tas-setgħat sħaħ soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim, għall-persuna (jew għall-persuni) indikata/indikati min-negozjatur tal-Ftehim biex jiffirma(w) il-Ftehim.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*